# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli :

(a) "nhar 01.03.2014 ghal habta ta 00:30hrs gewwa Taboo Bar, Triq Cospicua, Paola, bħala sid tal-imsemmi Bar hallejt id-daqq ta' muzika b'kull mezz gewwa post kummercjali li mhux licenzjat biex idoqq muzika amplifikata wara 23:00 jew bejn 13:00 u 16:00hrs u dan bi ksur LS 441.07 Reg 38

(b) Kif ukoll haddimt jew gieghelt jew hallejt lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur, jew strument bhal dawn, ghamilt inkella gieghelt jew hallejt li ssiru ħsejjes daqshekk qawwija li ddejqu lil Conrad u Claire Borg li joqgħodu f'bini fil-qrib u dan bi ksur tal-Art 41(2)(b) tal-Kap 10.

(c) Kif ukoll tajt fastidju lil Conrad u Claire Borg, u b'mod li tkun taf jew li imissek kont taf li dan kien ta fastidju għal Conrad u Claire Borg u dan bi ksur tal-Art 251A tal-Kap 9.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Il-Qorti hija konsapevoli mill-fatt li bejn il-parte civile u l-imputat żviluppat kontroversja li sfoċat f'ammont kbir ta' kwereli u kawżi kontra l-imputat mill-parte civile. Din il-Qorti għalhekk ġabret flimkien dawk il-kawżi kollha li kienu jittrattaw l-istess meritu bejn l-istess partijiet u għażlet li tittrattahom kollha flimkien għall-ekonomija tal-ġudizzju. Inoltre, il-Qorti kienet sa mill-bidu nett, fil-preżenza tal-partijiet debitament assistiti, ordnat sabiex ix-xiehda tal-parte civile, r-relazzjonijiet tal-Professur Joseph Agius u r-rappreżentant tal-Awtorita ta' Malta dwar it-Turiżmu ikunu meħuda b'xiehda f'dawk il-kawżi kollha li kienu jinvolvu lill-imputat u l-parte civile u li l-Qorti ordnat li għandhom jiġu mismugħa kontestwalment, naturalment safejn tali xiehda kienet applikabbli u dan għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ħin stante n-numru kbir ta' kawżi li kienu ġew intavolati.

Illi mill-provi prodotti, u b'mod partikolari mix-xiehda ta' PS285 G. Cutajar jirriżulta li fid-data u l-ħin in kwistjoni dan l-Aġent tal-Pulizija mar fuq il-post u sab li l-ħanut kien miftuh u minkejja li kienu madwar in-00:30, kienet qegħda tindaqq il-mużika mill-fond ġestit mill-imputat.

Skont ir-regolament 38(2)(b) tal-Avviż Legali 1 tal-2006 : -

> mużika amplifikata tista' tindaqq biss wara l-11.00 p.m. u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m. f'postijiet kummerċjali li għandhom liċenza għad-daqq ta' mużika amplifikata f'dak il-post;

Mill-provi prodotti u senjatament ix-xiehda tal-PL Quentin Tanti għall-Awtorita ta' Malta tat-Turiżmu jirriżulta li l-imputat ma kienx liċenzat biex idoqq mużika amplifikata wara l-23:00. Dan ifisser li huwa kien qiegħed idoqq il-mużika bi ksur ta' dawn ir-regolamenti. L-ewwel imputazzjoni għalhekk tirriżulta soddisfaċentement ippruvata.

Illi anke t-tieni imputazzjoni tirriżulta pruvata. Dan peress li din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-ħsejjes li kienu qegħdin ikunu ġenerati mill-ħanut ġestit mill-imputat kienu qegħdin jikkawżaw inkonvenjent u kienu qegħdin serjament idejqu lill-parte civile. Għalkemm l-imputat kellu liċenza għal estensjoni tal-ħinijiet tal-ftugħ, huwa ma kellux il-jedd li jdoqq mużika amplifikata wara l-23:00 u wisq anqas ma kellu l-jedd li permezz ta *loud speakers* u

amplifikaturi jew strumenti bħal dawn jipproduċi ħsejjes ta' mużika li kienu daqshekk qawwija li kienu qegħdin idejqu lil Conrad Borg u Claire Borg li kienu joqgħodu viċin tal-istess fond ġestit mill-imputat. Dawn il-ħsejjes daqshekk qawwija li kienu ta' disturb lill-koppja Borg irrispettivament mill-fatt li l-imputat kien liċenzjat li jiġġestixxi dan il-ħanut bħala snack bar jew li kellu l-estensjoni tal-ħinijiet tal-ftugħ. Anzi l-istess regolament 38 jippreskrivi ċar u tond li

> d. l-operat ta' post kummerċjali liċenzjat biex jiftaħ għall-kummerċ mis-1.00 a.m. sa l-4.00 a.m. ma għandux matul dawk is-sigħat joħloq fastidju jew inkonvenjenza lill-viċini b'xi xorta ta' ħoss li jinstema' minn barra l-post jew b'xi mezz magħmul minn ġewwa jew min barra tal-post;

Il-provi prodotti f'dan il-każ juru li kien hemm dan l-element ta' dwejjaq li kien qiegħed jiġi kawżat mill-imputat. Dan it-tieni reat huwa meqjuż ukoll li ġie integrat.

Illi kwantu għat-tielet imputazzjoni, il-Qorti rat li l-imputazzjoni kontestata lill-imputat hija ristretta għal dak li allegatament seħħ fil-1 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tan-00:30. Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi l-parametri temporali li fuqhom din il-Qorti setgħet issib ħtija fl-imputat għal dak li jirrigwarda r-reat tal-fastidju. Huwa paċifiku li sabiex ir-reat ta' fastidju jkun jista' jiġi ritenut integrat, l-egħmil li jikkawża l-fastidju irid ikun tali li jkun isawwar "*a course of conduct*" u mhux ibbażat fuq episodju waħdieni jew iżolat.

F'dan il-każ, mill-provi miġbura, il-Qorti tagħraf li fil-fatt kien hemm diversi episodji li fihom kien hemm ilmenti mill-parte civile naxxenti mill-ħsejjes ġenerati mill-fond tal-imputat. Iżda l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli timputa perjodu ta' żmien partikolari li fih ikun jista' jiġi ritenut li jkun twettaq egħmil li jsawwar *"a course of conduct"* u dan peress li dak li seħħ mil-1 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tan-00:30 waħdu mhux biżżejjed biex ikun jista jiġi ritenut li twettaq egħmil li juri *"course of conduct"*.

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni riedet hawnhekk torbot l-allegat egħmil fastidjanti mhux biss ma dak l-episodju li seħħ fil-1 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tan-00:30, iżda wkoll ma dak li seħħ almenu fil-jiem preċedenti. U dawn il-parametri temporali kellhom jiġu inklużi fl-imputazzjoni in kwantu l-Prosekuzzjoni riedet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mhux biss il-fatt li seħħ l-egħmil li jsawwar il-*"course of conduct"* li fuqu r-reat tal-fastidju huwa bażat, iżda wkoll il-perjodu taż-żmien li fih dan l-egħmil allegatament seħħ. Dan il-perjodu ta' żmien huwa nieqes f'din l-imputazzjoni u għalhekk dil-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li ssib lill-imputat ħati tar-reat ta' fastidju fin-nuqqas ta' perjodu ta' żmien speċifiku imputat fil-komparixxi li fih ikun jista' jintwera bil-provi li fih sehh l-egħmil fastidjanti formant l-*course of conduct* kriminuż.

# *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi filwaqt li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha, mill-banda l-oħra il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u wara li rat regolamenti 13 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li l-paragrafu 10 tat-Tieni Skeda jagħmel riferenza għalih) nonche r-regolament 38 tal-istess Avviz Legali u r-regolament 53 tal-istess Avviż Legali 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda komplessiva ta' ħames mitt euro (€500) ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tissospendi l-liċenza mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' ħmistax il-jum.

*Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

***Aaron M. Bugeja***